A.L. 101 ta' l-2002

ATT TA' L-2001 DWAR IL-LIĊENZJI TAL-KUMMERĊ (ATT NRU. XXVII TA' L-2001)

Data ta' bidu fis-seħħ

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 1 ta' l-Att ta' l-2001 dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ, il-Ministru għas-Servizzi Ekonomiċi stabbilixxa dawn id-dati li ġejjin bħala d-dati meta għandhom jibdew isehhu dawn id-disposizzjonijiet ta' l-imsemmi Att:-

(i) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 1 sa 33 ta' l-Att, sakemm dawn jirrigwardaw liċenzji li skadew fil-31 ta' Diċembru, 2001, għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 2002, u sakemm dawn jirrigwardaw materji oħra, għandhom jidħlu fis-seħħ fit-2 ta' Mejju, 2002.

(ii) Id-disposizzjonijiet ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att, minbarra dawk tal-partita 12 tagħha, għandhom, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-paragrafi (iii) u (iv) hawn iktar 'il quddiem, jibdew iseħħu fit-2 ta' Mejju, 2002.

(iii) Id-disposizzjonijiet tal-partita 7 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att li jemenda l-Kodiċi tal-Ligijiet tal-Pulizija, Kap. 10, ma għandhomx jidħlu fis-seħħ dwar l-artikoli 183, 185 u 193 ta' l-istess Kodiċi.

(iv) Id-disposizzjonijiet tal-partita 11 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att li jemenda l-Kodiċi tal-Ligijiet tal-Pulizija, Kap. 10, ma għandhomx jidħlu fis-seħħ dwar l-artikoli 203 u 204 ta' l-istess Kodiċi.